MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2009

Numru. 627/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Silvio Valletta)**
**(Spettur Chris Pullicino)**

**vs**

**Anthony Zerafa**

Kumpilazzjoni Numru 627/2008

**Illum 5 ta’ Ottubru 2009**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-imsemmi Anthony Zerafa ta’ 48 sena iben Saviour u Pauline nee Pace imwieled Msida nhar id-19 ta’ April 1960 u residenti 96 Triq il-Ferrovija Santa Venera u detentur tal-karta ta’ l-identita` bin-numru 299660M.

Akkuzat:

1. Talli nhar is- 16 ta' Lulju 2008 ghal habta tad-disgha ta' fil-ghodu, f'Haz-Zebbug bla ordni skond il-Ligi ta' l-awtorita kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi tghati s-setgha lill-privat li jarresta lil hati, arresta, zamm jew issekewestra lil xi persuni kontra l-volonta taghhom;

2. U aktar talli f'l-istess data hinijet lok u cirkostanzi, l-imgieba tieghu ikkagunat biza' lil Mario Muscat u grupp ta' studenti li ser tintuza vjolenza kontrih jew kontrihom jew kontra l-propjeta tieghu jew kontra l-persuna jew il-propjeta ta' xi hadd mill-axxendenti dixxendenti ahwa subien jew bniet jew xi persuna imsemmija f'l-artikolu 222(1);

3. Talli f'l-istess data lok u hin u cirkostanzi ikkaguna ferita ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Mario Muscat hekk kif certifikat minn Dr. J Agius Muscat MD minn Paola Health Centre;

4. Talli f'l-istess data lok u hin u cirkostanzi pubblikament xewwex lil persuna ohra sabiex tikser il-Ligi;

5. U aktar talli f'l-istess dati hinijiet lok u cirkostanzi, hebb kontra l-persuna ta' Mario Muscat sabiex jingurjah, idejqu jew jaghmel hsara lil din il-persuna jew lil haddiehor;

6. U aktar talli f'l-istess dati hinijiet lok u cirkostanzi ingurja jew hedded lil Mario Muscat jew jekk kien pprovokat ingurjah b'mod li tohrog barra mill-limiti tal-provokazzjoni;

7. U aktar talli f'l-istess dati hinijiet lok u cirkostanzi qal kliem oxen fil-pubbliku li jikkonsisti f'dagha.

Rat l-artikoli 86, 70, 221(1), 251B, 338(bb), 339(1)(d), u 339(1)(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li dan il-kaz jigi hekk trattat.

Semghat ix-xhieda u t-trattazzjoni.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi dan  il-kaz jitratta incident li sehh nhar l-16 ta’ Lulju 2008 meta kien gie ordnat strjak tat-trasport pubbliku u anke saru ghadd ta’ protesti. L-incident in ezami sehh f’Haz-Zebbug fit-triq li mir-Rabat taghti ghal Haz-Zebbug fil-vicinanzi ta’l-iskola Saint Dorothy.

Illi taw id-depozizzjoni taghhom f’dan il-kaz l-Ispettur (illum Supratendent) Silvio Valletta, l-parte leza Mario Muscat u t-tabib Dr Joseph Agius Muscat M.D. Il-verzjoni ta’l-imputat tirrizulta mill-istqarrija tieghu rilaxxjata fis-17 ta’ Lulju 2008.

Illi mill-atti jirrizulta li l-parte leza kien qed isuq coach fit-triq fuq imsemmija biex imur l-iskola Saint Dorothy; fil-coach kien hemm grupp ta’ studenti barranin. F’xi hin il-parte leza (Mario Muscat) waqaf fi traffic jam li giet ikkawzata minhabba carcade li kienet qes issir minn vetturi li kienu qed jippartecipaw f’l-istrjak. Fost dawn il-vetturi kien hemm dik ta’ l-imputat (van transit b’numru ta’ registrazzjoni HMY 181); iz-zewg vetturi (cioe dik ta’l-imputat u tal-parte leza) spiccaw wieqfa biswiet xulxin, il-van fil-karreggjata ta’ gewwa u l-coach fil-karreggjata ta’ barra. Dak il-hin il-bibien tal-coach kienu imsakkra; kienu ilhom imsakkra.

Illi skond il-verzjoni ta’ Mario Muscat meta l-vetturi kienu hekk weqfin l-imputat, li kien ghadu fil-van, beda jghajjar u joffendi lil Muscat; dan pero m’ghamel l-ebda reazzjoni u ghalhekk l-imputat hareg mill-van u resaq lejn il-coach fil-waqt li ghajjat lil zewg xufiera ohra li kienu wieqfa bil-vettura taghhom quddiem il-coach ta’ Muscat. Dawn telghu fuq ir-railing tac-centre strip infethet it-tieqa tal-bieba tax-xuffier tal-coach, aggredewh u l-imputat tah daqqa ta’ ponn; Muscat spjega li meta raw hekk l-istudenti li kellu mieghu bdew iwerzqu, hu minn-naha tieghu ha n-numru tal-van ta’l-imputat. Wara l-incident Muscat ha l-

istudenti l-iskola u kompla l-gurnata tax-xoghol tieghu. Muscat ma qalx li bhala konsegwenza tad-daqqa huwa soffra xi griehi; huwa qal biss li fid-disgha ta' fil-ghaxija mar il-policlinic fejn gie rilaxxjat ic-certifikat esebiet in atti.

Illi t-tabib li rrilaxxja ic-certifikat ikkonferma li meta hu ezamina lill-Muscat hu ma seta' jara l-ebda sinjal ta' xi trauma tant li fic-certifikat huwa nizzel biss dak li allega mieghu Muscat.

Illi l-imputat irrilaxxja stqarrija li giet ezebieta in atti. F'din l-istqarrija l-imputat jghid li meta hu u Muscat kienu wieqfa fil-vetturi rispettivi huwa nnota li Muscat kien qed jikteb in-numri tal-vans li kienu qed jippartecipaw fil-carcde u ghalhekk niezel mill-vettura tieghu biex ikellem lil Muscat. L-imputat kompla jghid li tela' fuq ir-railing li hemm fic-centre strip, mit-tieqa talab lil Muscat biex jaghtih l-karta li kien qed jikteb fuqha, Muscat irrifjuta li jaghtih il-karta ghahekk dahhal idejh fit-tieqa biex jiehu l-karta hu. L-imputat, fil-waqt li jinnega li ta daqqa ta' ponn lil Muscat, jammetti li jista jkun li waqt li dahhal idejh biex jiehu l-karta ta' Muscat laqtu f'wiccu. Huwa jinnega li ghajjat lil xi xuffiera ohra pero iddikjara li ra xuffier iehor niezel mill-van li kienet quddiem il-coach ta' Muscat. Huwa jammetti ukoll li seta' qal xi kliem baxx u dagha bir-rabja pero jinnega li offenda lil Muscat.

Ikkunsidrat

Illi l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat huma varji. L-ewwel wahda hija dik ta' sekwestru ta' persuni ai termini ta'l-artikolu 86 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi biex jissussisti l-element materjali ta' dan ir-reat huwa mehtieg li tigi vjolata l-liberta ta' xi persuna jew persuni. *"Il reato preveduto nell'articolo 169*[1] *esiste sia quando alcuno si fermi nel mentre che agisce o camina; sia quando si faccia rimanere suo malgrado in quell luogo ove si trova; si quando finalmente si trasporti da un luogo*

[1] L-artikolu 86 fi-Kodici Kriminali taghna

*ad un altro."…Thus a person may be arrested without being incarcerated or confined in any place; or may be detained in his own house without having been previously arrested."*[2]

Illi mill-provi pero ma jirrizultax li Muscat jew l-istudenti li kellu fil-coach f'xi hin gew privati mill-liberta taghhom bil-mod kif fuq spjegat. Huwa minnu li l-coach li kienu fiha kienet wieqfa, pero din kienet wieqfa minhabba t-traffic jam li kien hemm, tant li malli rega beda miexi t-traffiku kemm l-imputat kif ukoll Muscat komplew fi triqiethom. In oltre jirrizulta li l-bibien tal-coach kienu msakkra ghax kien sakkarhom Muscat ferm qabel ma nqala' l-incident in kwistjoni. Konsegwentement l-ewwel imputazzjoni ma gietx pruvata.

Illi t-tieni imputazzjoni hija dik li b'l-imgieba tieghu l-imputat ikkawza biza' f'Muscat u f'dak il-grupp ta' studenti li ser tintuza vjolenza kontra taghhom, cioe ir-reat kontemplat f'l-artikolu 251B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi dwar din id-dispozizzjoni tal-Ligi l-Qrati taghna diga kellhom opportunita jikkummentaw. Fil-kawza Pulizija vs Massimo Tivisini l-Qorti ta'l-Appell Kriminali qalet hekk:
*… l-artikolu 251B johloq ir-reat ta' min b'l-imgieba tieghu jikkaguna li haddiehor jibza' li ser tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-propjeta tieghu meta jkun jaf jew imissu jkun jaf li b'l-imgieba tieghu ser jikkaguna li xi hadd iehor hekk jibza' … Hawnhekk jidhol l-istess kriterju enuncjat f'l-artikolu 251A u cioe li persuna, li l-agir taghha tkun dubjuza ("whose course of conduct is in question"), jmissha tkun taf li ser tikkaguna biza' f'haddiehor li ser tintuza vjolenza kontrih … jekk persuna ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni kieku tahseb li dik l-imgieba tkun ser tikkaguna biza' fil-persuna l-ohra f'dik l-okkazzjoni. Jigifieri t-test huwa wiehed oggettiv tar-reasonable man.*[3]

---

[2] Ref Notes on Criminal Law (Part II page 35) Prof Sir Anthony Mamo
[3] Appell Inferjuri deciz 27.02.2009.

Illi ghalhekk l-ezami li trid taghmel il-Qorti huwa wiehed oggettiv u cioe jekk l-agir ta'l-imputat kienx jinduci "a reasonable man" biex jibza' li ser tintuza vjolenza kontra tieghu jew il-propjeta tieghu.

Illi anke jekk il-Qorti toqghod biss fuq dak li qal l-imputat f'l-istqarrija tieghu m'hemmx dubbju li huwa avvicina lil Muscat u esiega li dan jaghtih karta li kellu f'idejh. Din il-karta spicca biex hadha l-istess imputat bil-forza tant li l-istess imputat m'eskludiex li biex ha l-karta laqghat lil Muscat f'wiccu. Dan kollu sehh meta Muscat ma kienx f'pozizzjoni li jcaqlaq il-vettura tieghu biex jevita jew jahrab lill-imputat. Dan huwa agir li jista jinduci "a reasonable man" biex jibza' li ser tintuza vjolenza kontra tieghu?

Illi t-twegieba ghal din ir-risposta ma tistax tiddependi fuq dawn il-fatti mehuda f'l-astratt imma ghandha tiddependi ukoll fuq ic-cirkostanzi kollha li sehh fihom l-incident in kwistjoni. Kif diga intqal dan l-incident sehh f'l-isfond ta' strajk u protesti li kienu qed jaghmlu xuffiera tat-trasport pubbliku u f'l-isfond ta' serje ta' incidenti vjolenti li kienu qed isehhu tul din il-protesta li damet tlett ijiem.

Illi tenut kont tad-dinamika tal-incident, ta'l-atmosfera li kienet qed tirrenja fil-pajjiz f'dawk il-granet ta' protesta, tal-fatt li l-incident sehh propju f'nofs carcade organizzata bhala parti minn din il-protesta u tal-fatt li l-imputat kien propju wiehed mill-persuni li kien qed jippartecipa fil-protesta, il-Qorti m'ghandhiex dubbju li l-agir ta'l-imputat seta' jinduci "a reasonable man" li jibza' li ser tintuza vjolenza kontra tieghu u li l-imputat messu kien jaf li l-agir tieghu ser jikkaguna din il-biza'.

Illi konsegwentement il-Qorti hija sodisfatta li t-tieni imputazzjoni giet sodisfacjentement pruvata.

Illi t-tielet imputazzjoni hija dik li l-imputat ikkaguna offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Mario Muscat.

Illi mill-provi pero ma jirrizultax li Muscat soffra "bodily harm". Ic-certifikat mediku esebiet jindika li fil-mument ta' l-ezami t-tabib ma' setax jikkonstata l-prezenza ta' xi

“bodily harm” fatt ikkonfermat mill-istess tabib meta huwa ta d-depozizzjoni tieghu. Fir-realta lanqas Muscat ma rrefera ghal xi “bodily harm”, huwa qal biss li l-imputat tah daqqa ta’ ponn u li fid-disgha ta’ fil-ghaxija mar il-policlinic (l-incident kien sehh fid-disgha ta’ fil-ghodu).

Illi konsegwentement il-Qorti hija tal-fehma li din it-tielet imputazzjoni ma gietx sodisfacjentement pruvata.

Illi r-raba imputazzjoni hija dik ta’ tixwiex pubbliku biex persuna ohra tikser il-Ligi.

Illi jekk wiehed joqghod fuq id-depozizzjoni ta’ Muscat jirrizulta li meta l-imputat hareg mill-van tieghu u beda riesaq lejn il-coach ta’ Muscat huwa (l-imputat) ghajjat lil zewg xufiera ohra li resqu mieghu lejn il-coach u flimkien ma’l-imputat telghu fuq ir-railing tal-hadid u bdew “ifajjrulu mit-tieqa”. Pero Muscat qal ukoll fid-depozizzjoni tieghu li meta l-imputat tah daqqa ta’ ponn wiehed miz-zewg xufiera l-ohra qal “le mhux hekk” u li malli qala d-daqqa ta’ ponn ma rahomx aktar lil dawn il-persuni. In oltre Muscat ma ddeskrieviex id-diskors li qal l-imputat biex ghajjat liz-zewg xufiera l-ohra; fil-fatt (mid-depozizzjoni ta’ Muscat – l-uniku xhud okkulari) ma giex pruvat kif u ghal liema raguni l-imputat ghajjat lix-xufiera l-ohra.

Illi tenut kont ta’ dan lanqas din ir-raba imputazzjoni ma giet pruvata.

Illi l-istess ma jistax jinghad ghall-ahhar tlett imputazzjonijiet. Jirrizulta mill-provi prodotti li l-imputat hebb ghal Muscat u li laqtu f’wiccu, jirrizulta li l-imputat qal kliem oxxen u dagha u li huwa offenda u ingurja lil Muscat bi kliemu. L-ahhar tlett imputazzjonijiet huma ghalhekk pruvati.

Illi dwar il-piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha in-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat (tlieta minnhom ta’ natura kontravenzjonali), il-koperazzjoni ta’l-imputat mal-pulizija kif ukoll il-fedina penali ta’l-imputat li mhiex wahda allarmanti.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, fil-waqt li ma ssibx lill-imputat hati ta’ l-ewwel it-tielet u r-raba imputazzjonijet u tilliberah minnhom, wara li rat l-artikoli 251B, 338(bb), 339(1)(d), u 339(1)(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ssib lill-imputat hati tat-tieni, il-hames, is-sitt u s-sebgha imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tikkundannah prigunerija ghal perjodu ta’ tlett xhur liema perjodu ta’ prigunerija b’applikazzjoni ta’l-artikolu 28A tal-Kap 9 qed jigi sospiez ghal perjodu ta’ sena.

Il-Qorti spjegat lill-hati fi kliem car ir-responsabbilta tieghu u x’jigri jekk huwa jikkommetti reat li ghalih ikun hemm piena ta’ prigunerija waqt il-perjodu ta’ sena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------